# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 54/2017

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Gordon Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Gordon Dimech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 300577(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta' Jannar, 2016 ġewwa 'Colour Fusion' li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp, St. Venera, hu jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li qed taġixxi għan-nom tiegħu, offra li tipprovdi servizz lill-persuna oħra u/jew espona għall-bejgħ oġġetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali u/jew kotba tar-riċevuti kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-Tlettax –il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o) 81 u 82 ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-1 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Gordon Dimech ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' seba' mitt Euro (€700).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gordon Dimech, ppreżentat fis-9 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull ħtija u piena, u fl-eventwalita' li tikkonferma tali ħtija, illi timmodifika l-piena inflitta għal waħda aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant illi fil-qosor huwa s-segwenti:

(1) Mill-provi prodotti ma rriżultax illi hu jew persuni oħra li kienu qedgħin jaġixxu għan-nom tiegħu kienu qedgħin joperaw bi ksur tal-artikolu 51 u 77(o) tal-Kap 406. In oltre iċ-ċirkostanzi ravviżati ma kienux tali li ngħata servizz mingħajr ma ġiet ipprovduta riċevuta fiskali peress li klijenti fil-ħanut ma kienx hemm. In oltre d-definizzjoni tal-kelma 'sprovvist' fl-artikolu 77(o) tal-Kap 406 tikkonkludi illi konsiderando n-natura tal-attivita' kummerċjali u ċ-ċirkostanzi kollha, ma kienx hemm ksur tal-istess disposizzjoni. Effettivament ġie ppruvat li ktieb kien filfatt jeżisti iżda sempliċiment ma kienx fil-ħanut. Dan ma jfissirx illi il-ħanut huwa sprovvist mill-ktieb. Infatti l-appellant kellu l-kotba iżda ma kienux il-ħanut. Saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs John Tanti li filfatt daħlet fit-tifsira tat-terminu 'sprovvist'.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-aħħar aggravju, l-appellant isostni li konsiderando n-natura tax-xogħol, hu xorta waħda ma kienx qiegħed joffri servizz fil-mument meta daħħlu l-ispetturi tal-VAT. Fil-każ de quo is-servizz li jingħata jieħu ċertu ammont ta' ħin u dan qabel ma jsir il-pagament. Seta jagħti l-każ illi l-klijenta lanqas biss titfaċċa u allura l-ebda servizz ma kien jiġi offrut. Filwaqt li huwa minnu li O'Toole ma kellha l-ebda ktieb fil-mument meta marru l-ispetturi, sakemm kienet tlesti mill-klijenti li kienet lanqas biss waslet, missier l-appellant kien jilħaq iġib il-kotba in kwistjoni.

(3) Il-piena imposta hija eċċessiva u għandha tingħata fil-minimum tagħha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi fl-aggravju imqanqal mill-appellant huwa jishaq illi fil-mument li saret l-ispezzjoni mill-ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa, ma kien qed jigi offrut ebda servizz lill-klijenti peress illi l-hanut kien vojt. Mhux biss izda isostni illi huwa ma setax jinstab hati ghall-akkuza lilu addebitata, ghaliex f'dak il-mument il-kotba tar-ricevuti fiskali ma kenux fuq il-post billi huwa kien inkarcerat u kien halla lil missieru responsabbli ghat-tmexxija tan-negozju. Fil-fatt jishaq illi kien missieru li kien izomm dawn il-kotba tar-ricevuti li kien ighaddi lill-impjegata meta din kienet tmur tiftah il-hanut. Illi dak in-nhar il-missier kien ma jiflahx u kwindi kien minhabba f'din ir-raguni li huwa ma kienx ghadda dawn il-ktejjeb lill-impjegata. Dawn il-fatti probatorji fil-fehma tieghu ma setghux iwasslu lill-Ewwel Qorti tikkonkludi illi l-hanut kien "sprovvist" mill-ktejjeb fit-termini tal-ligi, apparti illi huwa ma naqasx mir-responsabbiltajiet tieghu billi fl-ewwel lok kien fl-impossibilita' li jara li l-ligi tigi osservata billi kien jinsab il-habs u missieru, li lilu kien iddelega id-dmir li jiehu hsieb il-hanut, inzerta kien ma jiflahx serjament.

Illi l-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u semghet ix-xhieda mill-gdid minn fejn jirrizulta illi fis-7 ta' Jannar 2016, spetturi mid-Dipartiment tal-VAT għamlu spezzjoni fil-ħanut bl-isem ta' '*Colour Fusion*' fi triq il-Kbira San Ġuzepp, St. Venera, fejn hemmhekk sabu lil certu Alison O'Toole li stqarret maghhom illi hija kienet tahdem fil-hanut bhala *hairdresser* fuq bażi *part-time*. Huma talbuha biex toħorġilhom X reading mill-*cash register* iżda nfurmathom li hemmhekk m'għandhomx *cash register* iżda jużaw il-kotba tar-ricevuti fiskali. Mitluba tipprovdihom b'dawn il-kotba, hi bdiet tfittixhom izda baqghet ma sabithomx. Infurmathom illi normalment huwa missier l-appellant u cioe' missier sid il-ħanut li huwa t-*taxpayer*, li jieħu ħsieb jara illi l-kotba jkunu fil-hanut ghall-uzu taghha meta jigu l-klijenti.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jinsab akkużat bi vjolazzjoni tal-ligi fiskali u cioe' bl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament bir-reat imfassal fl-artikoli 51 u 77(o), 81, 82 kif ukoll il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda li jaqghu taħt l-istess liġi. Illi l-artikolu 77(o) jiddisponi illi:

> **Kull persuna li:**
> **(o) tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, waqt li tkun sprovvista, fil-lok fejn tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, minn cash register fiskali jew kotba tar-riċevuta fiskali kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju tkun hatja ta' reat;**

Illi huwa id-dmir tat-*taxpayer*, fit-termini ta'l-artikolu 51 ta'l-Att illi jara li kull meta qed jinghata servizz jew almenu jkun qed jigi offrut servizz, fil-lok fejn dan is-servizz isir jew jiġi offrut illi ikollu jew il-ktejjeb tar-riċevuti fiskali jew *cash register* li minnha jinhargu l-imsemmija ricevuti fiskali. Illi l-artikolu 82, imbaghad iqieghed fuq l-ispalla tal-persuna registrata mixlija b'dan in-nuqqas, l-oneru tal-prova meta hemm dispost:

> **82. (2) Meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq tal-impieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' dik il-persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna l-oħra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew persuna reġistrata: iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.**

Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jesmond Sant din il-Qorti kif diversament ipprejseduta rriteniet is-segwenti:

> **'Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata ghall-finijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli**

**ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata. Il-persuna registrata, pero', tista tezimi ruha minn din ir-responsabilta' vikarja jekk tipprova , imqar fuq bazi ta' probabilta' jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza ragonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel biex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas. Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi haga.[1]'**

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti malament sabitu hati tal-infrazzjoni fid-dmirijiet tieghu fiskali għas-sempliċi fatt illi hu ma kienx sprovvist mir-riċevuti fiskali iżda dawn sempliċiment ma kenux disponibbli għal Alison O'Toole fil-mument meta l-ispetturi tal-VAT għamlu l-ispezzjoni fil-hanut. Igħid illi filfatt kien hemm l-intenzjoni li tinghata r-ricevuta imma tenut kont tal-fatt illi s-servizz ta' '*hairdressing*' jieħu ċertu ammont ta' ħin u kull ma kien hemm klijenta waħda li kienet għada ma waslitx fil-hanut, allura ma kienx hemm urġenza li dawn jigu pprovduti minnufih. Issostni wkoll li għal din ir-raġuni wkoll, lanqas servizz ma kien qed jiġi offrut fil-mument meta marru l-ispetturi tant illi mill-provi jirrizulta illi O'Toole kienet waħedha fil-ħanut. In oltre fil-kors tal-provi li nstemgħu quddiem din il-Qorti, l-appellant ipprova jqajjem id-dubbju dwar jekk filfatt il-ħanut kienx miftuħ fil-mument meta daħħlu l-ispetturi.

Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li kien hemm obbligu fuq l-appellant jew l-impjegata tiegħu illi joħorġu riċevuta fiskali jew riċevuta minn *cash register* għal kull servizz ipprovdut minnhom mill-ħanut fejn saret l-ispezzjoni. Lanqas huwa dubitat illi ghalkemm fil-mument li wasslu l-ispetturi fil-hanut ma kienx hemm klijenti, izda O'Toole kienet qed tistenna l-wasla ta' klijenta. Illi ghalhekk huwa indubitat ukoll, ghalkemm kontestat mill-appellant, illi l-hanut kien infetah minn O'Toole li bdiet thejji ruhha ghal wasla ta' din il-klijenta li baqghet injota. Tant hu hekk illi ix-*shutter* kien imtella' u l-ispetturi

[1] Deċiża nhar is-16 ta' Jannar 2003 mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

daħħlu mingħajr diffikulta fl-istabbiliment. Mhux biss izda O' Toole stess tikkonferma fix-xiehda taghha li hi kienet tmur fil-hanut fil-ħin meta mitluba taghmel dan mill-prncipal taghha, dak iż-żmien missier l-appellant, u dan allura biss meta jkun hemm il-klijenti u ċioe' meta s-*salon* ikun miftuħ għall-klijenti. Jekk it-tabella fuq il-bieb tal-hanut kenitx tindika li l-ħanut kien miftuħ jew magħluq ma ġiex ippruvat iżda jibqa' bħala stat ta' fatt li mix-xhieda ta' O'Toole hi ndubbjament kienet preżenti fil-ħanut biex tagħmel xogħolha u ċioe biex toffri s-servizz ta' *hairdressing*. Gjaldarba il-hanut kien miftuh sabiex joffri is-servizz kien hemm il-ħtieġa li r-riċevuti fiskali jkunu a disposizzjoni tal-persuna li tkun qed toffri dak is-servizz matul il-ħin kollu li l-ħanut jkun miftuh ghal pubbliku.

Issa dan maghdud l-appellant xortawahda jista' jezimi ruhu mir-responsabbilta' penali jekk jirnexxielu jipprova u dan sal-grad tal-probabbli illi fit-termini tal-artikolu 82 tal-Kap 406 hu għamel kull ma seta' biex izomm milli din l-infrazjoni tal-ligi issehh, jew li huwa kien fl-impossibilita` li jevita milli issehh din l-infrazzjoni. Issa ghalkemm huwa ippruvat illi fil-jum indikat fl-akkuza l-appellant kien jinsab inkarċerat meta seħħ l-inċident, madanakollu huwa xortawahda baqa' joffri is-servizzi tal-qtugh tax-xaghar mill-hanut tieghu u allura xortawahda kien jinkombi fuqu l-obbligu li jaċċerta ruħu mill-osservanza tal-ligi. L-appellant jikkontendi illi iddelega id-dmir li jiehu hsieb il-hanut, u allura l-obbligi kollha naxxenti mill-gestjoni ta'l-istess, fuq missieru. Illi madanakollu kien ben maghruf ukoll ghall-appellant f'dak iz-zmien li missieru kien fi stat ta' sahha hazina.

L-appellant jikkontendi illi kien missieru li kellu jipprovdi il-ktieb tar-ricevuti lill-impjegata kull meta tiftah il-hanut, madanakollu fix-xiehda taghha O'Toole stqarret illi ġeneralment il-kotba jithallew fuq il-*counter,* u li hi kienet issib ir-riċevuti fil-ħanut meta kienet tmur peress li kien jifthilha l-ħanut missier l-appellant, madanakollu meta marru l-ispetturi dawn ma sabithomx f'posthom. Tghid li dakinhar kienet hi stess li ġabret iċ-ċwievet mir-residenza tal-ġenituri ta' Dimech, izda dawn ma qalulha xejn dwar il-ktieb tar-ricevuti u allura assumiet li kienu f'posthom fil-hanut. Issa missier l-appellant iddepona quddiem

l-Ewwel Qorti u ighid li dak in-nhar kien id-dar izda kien ma jiflahx u ighid li l-ktejjeb kienu ghandu d-dar izda ma ghaddiehomx lil 'O Toole. Jidher illi l-missier, skont dak li jixhed hu stess quddiem l-Ewwel Qorti, kellu kundizzjoni ta' sahha serja li ma kenitx qed tippermettielu jiehu hsieb il-gestjoni tan-negozju ghax kien qed jkun spiss rikoverat l-isptar. L-appellant ma igibx prova li huwa ma kienx jaf b'dan l-istat ta' fatt. Maghdud dan allura huwa xortawahda kellu r-responsabbilta' jara illi jkun hemm persuna ohra li tiehu hsieb il-gestjoni ta' negozju, li huwa ghogbu ihalli jopera meta kien inkarcerat, u li jkun cert li dik il-persuna tkun tista' tara li l-impjegata tosserva l-ligi meta toffri is-servizzi lill-klijenti. L-appellant ma jixhidx sabiex jezimi ruhu mir-responsabbilta penali kif seta' jaghmel fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 82 hawn fuq iccitat.

Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal sabiex issib ħtija fil-konfront tal-appellant kemm fuq bazi legali kif ukoll fattwali.

Ikkunsidrat:

Illi finalment l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva. Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi dan l-gravam jirrazenta il-fieragh tenut kont illi l-piena erogata hija wahda li mhux biss ingħatat fil-parametri tal-liġi, izda hija wahda fil-minimu taghha.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(FT) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur